MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 118/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**
**Vs**

**Raymond Buttigieg**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-24 ta' Frar, 2004 minghajr hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu ha c-cavetta tar-residenza matrimonjali cioe' "Madonna tal-Grazzja", Triq Villabate, Zabbar, minghand il-mara tieghu Pauline Buttigieg, b'konsegwenza li Pauline spiccat barra mir-residenza.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Mejju, 2004, li biha, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta w ikkundannatu ghal hlas ta’ ghoxrin lira Maltin (LM20) multa, kif ukoll ordnat lill-istess imputat jaghti kopja tac-cavetta lil Pauline Buttigieg fi zmien gimgha b’penali ta’ zewg liri kuljum fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta’ Mejju, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w konsegwentement tillibera lill-esponent minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali;**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe :- l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant hi bazata fuq l-artikolu 85 tal-Kap.9 u l-elementi kostituttivi tar-reat involut huma (i) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi liema att jigi esegwit kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta ta’ dan il-haddiehor ; (ii) il-kredenza li l-att qed isir fl-ezercizzju ta’ dritt ; (iii) il-koxjenza fl-agent li hu qed jaghmel “*di braccio privato*” dak li jmissu jsir permezz ta’ l-awtorita’ pubblika ; u (iv) in-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. Ebda wiehed mill-elementi hekk rikjesti biex tigi assodata l-ezistenza tar-reat ta’ “*ragion fattasi*” ma gie kkoroborat mir-rizultanzi akkwiziti f’ din il-kawza .**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid;**

**Trattat l-appell;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi l-elementi kostituttivi tar-reat ta’ “ragion fattasi” huma proprju dawk elenkati mill-appellant fir-rikors tal-appell appena hawn fuq riprodotti w ovvjament il-fatti jridu jinkwadraw ruhom fil-parametri tal-istess elementi .**

**Issa rrizulta mill-provi li mart l-appellant Pauline Buttigieg kellha sett ta’ tlitt cwievet, wahda minnhom tad-dar konjugali : “Madonna tal-Grazzja “ Triq Villabate, Zabbar , imdendlin fis-serratura tal-bieb ta’ barra tal-istess dar u, meta inqala’ incident bejn il-konjugi Buttigieg fil-<u>24 ta’ Frar, 2004</u> , martu telqet il-barra frastornata w marret l-ghassa tal-Pulizija w halliet ic-cwievet imdendlin fis-serratura fuq gewwa. God-dar kien fadal ommha li baqghet tiehu hsieb it-tfal u meta din u l-appellant gew biex johorgu halli huma wkoll imorru l-ghassa, l-appellant ghalaq il-bieb ta’ barra w tefa’ l-istess cwievet fil-but u mar l-ghassa .**

Fil-waqt li mart l-appellant Pauline Butigieg xehdet li zewgha qatt ma taha lura dan is-sett ta’ cwievet u meta sussegwentement regghet dahlet fid-dar , dahlet bic-cavetta li kellha ommha , izda wara anki din ic-cavetta ma baqghetx tajba ghax l-appellant bidel is-serratura, l-appellant xehed li hu dak in-nhar stess tard bil-lejl f’ xil-11.30 p.m. , kien ikkonsenja das-sett cwievet lill-Surgent fl-ghassa. P.S. 1428 Jesmond Delia xehed li l-appellant kien qallu li kien halla c-cwievet in kwistjoni ma P.S. 475 Frank Cassar u li meta hu kien staqsa lil dan is-surgent jekk dan kienx minnu, dan kien ikkonferma dil-versjoni tal-appellant. P.S. Cassar ma giex prodott bhala xhud , pero’ fil-kopja tal-okkorrenza dwar l-incident li inqala’ fil-24 ta’ Frar, 2004 esebita fil-process (Fols. 6 sa 8) hemm imnizzel il-kliem :- *“Raymond Buttigieg had handed over the car keys and the mobile phone to the police whilst doing his report*” . Pero’ dawn ic-cwievet kienu dawk li jissemmew aktar il-fuq fl-istess rapport u cioe’ dawk li l-appellant kien ha minnghand il-mahbuh ta’ martu Elton Aquilina aktar kmieni dak in-nhar . Di fatti fl-istess rapport hemm : *“Afterwards they stopped Aquilina who was*

*stationed some few meters away . In fact they managed to take the car keys and his mobile phone."*

L-affari pero' ma waqfitx hawn ghax kif stqarr l-istess appellant hu kien umbaghad bidel is-serratura w lill-martu qatt ma taha kopja tac-cavetta l-gdida. Di fatti meta martu ppruvat terga tidhol xi gimghatejn wara l-ewwel incident , ma setghetx.

**Illi pero' l-akkuza kif redatta tirreferi biss ghall-fatt li allegatament gie kompjut fl-24 ta' Frar, 2004 u mhux ghal dak li gara granet wara w dana minkejja li fl-ittra tal-kwerela l-Avukatessa Edwina Grima kienet ziedet tghid ukoll li l-appellant kien *"qieghed jirrifjuta jaghtiha l-access ghall-istess."* (dar) . Ghalhekk wiehed irid jezamina ezatt x'gara fl-24 ta' Frar, 2004 u jieqaf hemm.**

**Issa jekk il-fatti kienu kif qed jghid li graw l-appellant u cioe' li martu w ommha aktar tard hargu mid-dar konjugali w hallew ic-cavetta mdendla fis-serratura tal-bieb ta' barra fuq in-naha ta' gewwa w li hu, meta gie biex johrog ukoll biex imur l-ghassa warajhom , qabad is-sett tac-cwievet u tefaghhom f'butu w wara kkonsenjhom lill-Pulizija dak in-nhar stess meta kien l-ghassa , allura ma jidhirx li dawn il-fatti per se jikkostitwixxu l-elementi tar-reat ta' ragion fattasi . Jekk ghamel hekk biss allura ma kien qed jezercita ebda dritt pretiz meta qabad u ha c-cwievet biex ikun jista' johrog u jsakkar il-bieb warajh. Jekk umbaghad veru kkonsenjhom lill-Pulizija dak in-nhar stess, lanqas jidher li dak in-nhar, almenu, kien qed jipprova jcahhad lill-martu mill-access ghad-dar "*di braccio privato*".**

**Din il-versjoni tal-appellant li hu kien ikkonsenja ic-cwievet lill-Pulizija dak in-nhar stess ma gietx kontradetta minn hadd anzi sa certu punt hija korroborata minn P.S. 1428 Jesmond Delia , kif intqal fuq. Ghalhekk din l-ispjegazzjoni tal-appellant ghandha tigi accettata, al menu fuq bazi ta' probabbilta'.**

**Hu minnu li wara xi jumejn , meta l-appellant ra li martu w niesha kienu regghu dahlulu d-dar , bidel is-serratura w ma tax kopja taghha lill-martu w din baqghet barra sal-lum , pero' x'gara wara ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni meta c-citazzjoni tghid espressament u testwalment hekk :- *"talli*** *fl-24 ta' Frar, 2004,* ***….ha c-cavetta tar-residenza matrimonjali "Madonna tal-Grazzja , Triq Villabate, Zabbar , minnghand il-mara tieghu Pauline Buttigieg b'konsegwenza li Pauline spiccat barra mir-residenza*****."**

**Jekk wara din id-data , kif irrizulta ex admissis, l-appellant biddel is-serratura w cahhad lill-martu mill-access ghad-dar konjugali , dan irid ikun mertu ta' procediment iehor .**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------